MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 51/2005

**Tigne Development Company Limited (C-3514) bhala proprjetarja tal-Crowne Plaza Hotel u William Latour in rappreżentanza ta' Intercontinental Hotels Group plc, liema Group huwa l-Manager tal-Crowne Plaza Hotel**

**vs**

**Scorpio Enterprises Co. Limited (C-15756)**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ippremettiet:

Is-socjeta' konvenuta hija debitrici ta' l-atturi fl-ammont ta' hdax il-elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500) rapprezentanti kwantu ghal ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000) dovuti bhala *"concession fees"* dovuti lill-atturi

mis-socjeta' konvenuta ghall-operazzjoni ta' *"Frenchies Discotheque"* (skond il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet datat 30 ta' Novembru, 2001 u li kopja tieghu hawn annessa u markata bhala dokument ittra *"A"*) u kwantu ghal elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500) rapprezentanti l-porzjoni ta' taxxa fuq il-valur mizjud dovut fuq l-istess *"concession fees"* mis-socjeta' konvenuta lill-atturi *ai termini* ta' l-istess kuntratt, liema *"concession fees"* huma dovuti ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Frar, 2004 sat-tletin (30) ta' Novembru 2004, u li kellhom ikunu pagabbli f'rati ta' elf mija u hamsin (Lm1,150) kull xahar bil-quddiem, hawn aktar l-isfel maghruf bhala *"l-ammont dovut"*.

Dan l-ammont ta' hdax il-elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500) dovut mis-socjeta' konvenuta lill-atturi ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija huwa cert, likwidu u skadut u sa' fejn jafu l-atturi, s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda difiza valida kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' l-ammont ta' hdax il-elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500) ghar-raguni hawn fuq imsemmija u dan kif jidher mill-affidavit ta' l-Avukat Dottor David Grech anness ma' l-att tac-citazzjoni markat bhala dokument ittra *"B"*;

Minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dil-kawza;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tilqa' t-talba ta' l-atturi u dan bid-dispensa tas-smiegh tax-xhieda ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li l-ammont ta' hdax il-elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500) dovut mis-socjeta' konvenuta lill-atturi huwa debitu cert likwidu u skadut;

2. u hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hdax il-elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500) dovuti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija;

bl-imghax legali mid-data ta’ kull skadenza mensili sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha inkluz ta’ dawn l-atti, tal-mandat ta’ sekwestru prezentat nhar is-7 ta’ Jannar, 2005 kontra tas-socjeta’ konvenuta u ta’ l-atti gudizzjarji kollha sussegwenti kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ illum stess li in forza tieghu qieset li s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex ragunijiet validi biex tikkontesta din il-kawza;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------